TRIBUNAL GĦAT-TALBIET TAL-KONSUMATURI

CONSUMER CLAIMS

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Mejju, 2023**

**Talba Nru: CCT199/22/DS**

**Margaret Abela**

**Vs**

**Petroni Ltd**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fil-21 ta' Dicembru, 2022 fejn hija talbet illi s-soċjeta' intimata tibdel ir-*rubber seal* tal-*fridge* illi hija xtrat mingħandha, mingħajr ħlas, *stante* illi għadha taħt il-garanzija.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ għalkemm daħlet risposta dan m'għamlitux fit-terminu preskritt mill-liġi w'għaldaqstant l-imsemmija risposta kienet waħda tardiva u irritwali. Skond regolament 4.1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 378.01, twegiba ghandha tigi pprezentata fi zmien tmintax-il gurnata min-notifika tal-avviz tat-talba. Fil-każ odjern din ma saretx w'għaldaqstant it-Tribunal, *stante* li t-terminu huwa wieħed perentroju u l-kontumaċja tista' titqajjem direttament mit-Tribunal *in vista* tal-fatt illi hija materja ta' ordni pubbliku, sab lis-soċjeta' intimata kontumaċi u ordna l-isfilz ta' l-imsemmija risposta[1];

Ra illi għalkemm sab lis-soċjeta' konvenuta kontumaċi l-istess soċjeta' ingħatat ċans tagħmel nota ta' sottomissjonijiet wara t-trattazjoni tal-attriċi, *stante* illi meta' msejjħa għas-seduta ma deher ħadd jirrappreżentaha. Dan l-ammont ta' ġranet kien wieħed ta'

[1] F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Giuseppi Caruana vs Charles Psaila** (21 ta' Marzu 1997) fejn inghad:-
*"L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita` u nullita` tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill- Qorti ex officio ...... In-nullita` tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarita` tkun giet migjuba a konoxxenza taghha".*

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

erbat ijiem tenut kont illi l-liġi tgħid illi kemm jista' jkun dawn il-proċeduri jinstemgħu f'seduta waħda w'għaldaqstant huma proċeduri sommarji;

Ra illi għalkemm mgħotija żmien biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dan m'għamlitux u lanqas ma kien hemm xi talba minn naħa tagħha biex jittawwal iż-żmien mgħoti biex issir l-istess nota ta' sottomissjonijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidra**

Illi l-attriċi fit-talba tagħha sostniet illi għall-ħabta ta' Ottubru, 2022 nnutat illi r-*rubber seal* tal-*fridge* mixtrija mingħand is-soċjeta' intimata fit-28 ta' Jannnar, 2022, kienet daqsxejn imqatta'. Hija sostniet illi meta ċemplet lir-rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi biex jibdulha dan ir-*rubber seal* għaliex il-*fridge* kienet għadha taħt garanzija qalulha illi din taqa' taħt '*items not covered*' fit-*Terms and Conditions* tal-garanzija.

Illi l-attriċi sostniet illi ċċekjat mal-imsemmija garanzija, parti mill-liema kienet ukoll prodotta kopja tagħha mat-talba, pero' fil-fatt sabet illi m'hemm l-ebda '*rubber'* imniżżel taħt il-lista' ta' affarijiet mhux koperti bil-garanzija. Ir-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata qalulha wkoll illi ma kienx sar użu tajjeb ta' din ir-*rubber seal* w'għaldaqstant huma kienu lesti biss jibdlu l-istess jekk l-attriċi tħallas għar-*rubber seal* u għall-installazzjoni tagħha. L-attriċi tgħid illi dan mhux minnu u ma jistgħax ikun għaliex il-bieba tinfetaħ minn taħt w'għaldaqstant wieħed ma jmissx ir-*rubber seal* biex jagħlaq il-bieba.

Illi r-risposta tas-soċjeta' intimata kienet *fuori termine*, ġiet sfilzata u barra min hekk is-soċjeta' intimata, għalkemm mgħotija ċans tagħmel nota ta' sottomissjonijiet dan m'għamlitux u lanqas ma bagħtet rappreżentant tagħha waqt il-proċeduri għalkemm debitament infurmata bihom.

Illi għaldaqstant il-verżjoni tal-attriċi m'hijiex kontradetta u dan it-Tribunal m'għandu l-ebda raġuni għalfejn ma jemminiex.

Illi barra min hekk dan it-Tribunal jinnota kif in-nuqqas ta' rappreżentant tas-soċjeta' attriċi biex tiddefendi l-pużizzjoni tagħha meta debitament infurmata bil-proċeduri odjerni huwa sinjal ta' diżrispett kemm lejn il-klijenta tagħha kif ukoll lejn dan it-Tribunal.

Illi finalment it-talba tal-attriċi hija ristretta għal waħda sabiex tinbidel ir-*rubber seal* a spejjez tas-soċjeta' intimata u m'hijiex *money claim*. Artiklu 20(1) tal-Kap 378 jagħti lit-Tribunal *"ġurisdizzjoni li jaqta' talbiet magħmula minn konsumaturi kontra kummerċjanti meta l-valur tat-talba"* ma jkunx iktar minn €5,000, *"u meta t-talba jkollha x'taqsam.. max-xiri jew kiri ... jew l-għoti ta' servizzi"*. Imkien ma tipprojbixxi deċiżjonijiet li jimponu ordni *"di fare"* bħal dik mitluba mill-attriċi.

Illi għaldaqstant il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal ma tidhirx ristretta, bħalma hi tat-Talbiet Żgħar, fejn il-gurisdizzjoni permezz ta'Artikolu 3 tal-Kap. 380 hi limitata għal *"talbiet kollha ta' flus"* (fit-test Ingliz, *money claims*). F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Giuseppi Caruana vs Charles Psaila (21 ta' Marzu 1997).**

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ġurisprudenza nostrana, kif ukoll wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata illi fi żmien gimgħatejn minn mindu ssir *res judicata* din is-sentenza tibdel ir-*rubber seal* a spejjeż tagħha. Dawn l-ispejjeż jinkludu fost affarijiet oħra il-ġarr tal-*fridge* jekk kemm -il darba jkun hemm il-ħtieġa illi tinġarr f'lok ieħor għat-tiswija, il-valur tar-*rubber seal* kif ukoll l-ispejjeż relatati mal-installazjoni tal-istess u kull spiża diretta anċillari oħra.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**